**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 189/15 AL

**A B I.D. f'isimha proprio u f'isem iz-zewg uliedha M El D li twieldet fil-21 ta' Settembru 2005 u Rayane El D li twieled fit-13 ta' Awissu 2008.**

**VS**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi fil-21 ta’ Settembru 2005, l-attrici welldet tifla bl-isem ta’ M El D u fit-13 ta’ Awissu 2008 weldet tifel bl-isem Rayane El ED, it-tnejn ghadhom minorenni u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid li jgibu n-numru ta’ iskrizzjoni 3167/2005 u 2924/2008 hawn annessi u markati Dok A u Dok B rispettivament.

2. Illi mill-atti tat-twelid taz-zewg minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm dawn iz-zewg minuri u fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom’, il-konvenut C El D gie registrat bhala missierhom.

3. Illi l-attrici A B u l-konvenut C El D zzewgu fit-3 ta’ Gunju 2002.

4. Illi l-partijiet ma damux wisq jghixu flimkien, tant illi sseparaw *de facto* ftit taz-zmien wara u z-zwieg taghhom gie annullat permezz ta’ sentenza datata 26 ta’ Gunju 2014, illum *res judicata,* (Rikors Guramentat numru 352/10 RGM), kopja ta’ liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok C.

5. Illi ghalkemm fil-mument tal-koncepiment u tat-twelid tal-minuri, l-attrici A B u l-konvenut C El D kienu mizzewgin, pero’ l-istess attrici sa mis-sena 2003 ma kinitx tghix ma’ zewgha l-konvenut ghal ragunijiet serji.

6. Illi fis-sena 2003 l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut l-iehor L L u bdew jghixu flimkien sa mill-bidu tas-sena 2004.

7. Illi fil-perjodi relevanti meta gew koncepiti l-minuri M u Rayane kien hemm l-impossibilita’ fizika li l-minuri setghu gew koncepiti mill-konvenut El D peress illi l-konvenut El D qatt ma kkoabita ma’ martu A B bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid taz-zewg minuri.

8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid taz-zewg minuri M u Rayane gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut C

El D, fil-fatt iz-zewg minuri gew koncepiti fil-kors ta' relazzjoni extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut L.

9. Illi peress illi s-sitt (6) xhur sabiex tigi istitwita l-kawza skont l-artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zewg minuti jigu registrati fuq il-konvenut L L issa skadew, gie ottenut digriet sabiex l-attrici tipprocedi b'kawza, liema digriet jinsab hawn anness u market Dok D.

Talbet li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-konvenut L L huwa l-missier naturali ta' M mhux il-konvenut l-iehor C El D.

**2.** Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikati tat-twelid tal-minuri M (Att numru 3167/2005) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifla', jigi kancellat l-isem 'C El D', u jigi sostitwit bl-isem **L L**; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra **394469(M)** ; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra **36**; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra **Attard;** taht il-kolonna 'residenza' jigi jaqra **Birkirkara, Malta**; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra **haj.**

3. Tiddikjara illi l-konvenut L L huwa l-missier naturali ta' Rayane u mhux il-konvenut l-iehor C El D.

**4.** Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikati tat-twelid tal-minuri Rayane (Att numru 2924/2008) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel, jigi kancellat l-isem 'C El D',

u jigi sostitwit bl-isem **L L**; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra **394469(M)** ; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra **38**; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra **Attard;** taht il-kolonna 'residenza' jigi jaqra **Birkirkara, Malta**; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra **haj.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma pprezentawx risposta u ghalhekk huma kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita` tal-minuri Rayane El ElD u M El D, stante li r-rikorrenti tikkontendendi li frott tar-relazzjoni li kellha mal-intimat L L nhar il-21 ta' Settembru, 2005, twieldet it-tifla minuri M El D u fit-13 ta' Awwissu, 2008 twieled it-tifel minuri Rayane El D. Ic-certifikati tal-istess minuri jindikaw pero` illi l-missier huwa l-intimat l-iehor C El D.

Illi z-zewg intimati ma pprezentawx risposta guramentata u ghalhekk huma kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Il-verzjoni tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti xehdet *viva voce* u spjegat illi hija kienet mizzewga lill-intimat C El D, izda hija kienet telqet mid-dar matrimonjali b'mod definittiv fis-sena 2003 biex tmur tghix mal-intimat l-iehor L L. Hija xehdet illi minn din ir-relazzjoni taghha mal-intimat L L, twieldu z-zewg minuri msemmija fir-rikors guramentat. Il-minuri gew registrati f'isem l-intimat C El D peress li r-rikorrenti kienet ghadha mizzewga lilu meta twieldu dawn it-tfal u ghalhekk hadu kunjomu u hija tixtieq li issa jiehdu kunjom L. Ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha li minn mindu telqet minn mal-intimat C El D ma kellha l-ebda relazzjoni sesswali mieghu jew ma xi ragel iehor hlief mal-intimat L L. Hija kkonfermat ukoll li z-zwieg taghha mal-intimat C El D gie annullat.

**Il-verzjoni tal-intimati**

Illi l-intimat L L xehed u kkonferma li ilu jghix mar-rikorrenti mill-2003 u illi l-ulied minuri msemmija fir-rikors guramentat huma uliedu naturali.

Ikkunsidrat:

Illi xehed ukoll l-intimat C el D u kkonferma li huwa kien ir-ragel tar-rikorrenti, kienu ghamlu zmien ukoll jghixu flimkien pero` ghal xi ftit inqas minn sena. Huwa xehed illi r-rikorrenti telqitu fis-sena 2003 u minn dakinhar `il quddiem qatt ma regghu ghexu flimkien jew kellhom xi relazzjoni sesswali flimkien.

**Il-mertu tal-kaz odjern**

Il-Qorti tirrileva illi hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens illi l-intimat L L huwa l-missier naturali tal-minuri M El D u Rayane El D. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-intimat C El D illi xehed illi martu telqitu fis-sena 2003 u minn dakinhar sal-lum qatt ma rrikonciljaw u qatt ma regghu ghexu flimkien, qatt ma kellhom

relazzjoni sesswali flimkien u effettivament irrizulta li z-zwieg taghhom huwa annullat.

Il-Qorti rat li m'hemm l-ebda dubbju li effettivament il-missier naturali tal-minuri msemmija fir-rikors guramentat huwa L L u mhux l-intimat l-iehor C El D.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi **tilqa`** t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut L L huwa l-missier naturali ta' M u mhux il-konvenut l-iehor C El D u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri M, Att nru. 3167/2005 billi fil-kolonna ntestata isem u kunjom it-tifla jigi kancellat l-isem C El D u jigi sostitwit bl-isem L L u u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra **394469(M)** ; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra **36**; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra **Attard;** taht il-kolonna 'residenza' jigi jaqra **Birkirkara, Malta**; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra **haj.**

Il-Qorti tiddikjara wkoll li l-konvenut L L huwa l-missier naturali ta' Rayane u mhux il-konvenut l-iehor C El D u konsegwentement il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikati tat-twelid tal-minuri Rayane (Att numru 2924/2008) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel, jigi kancellat l-isem 'C El D', u jigi sostitwit bl-isem **L L**; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra **394469(M)** ; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra **38**; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra **Attard;** taht il-kolonna 'residenza' jigi

jaqra **Birkirkara, Malta**; u taht il-kolonna ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jigi jaqra **haj.**

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn ir-rikorrenti A B u l-intimat L L fi kwoti ndaqs bejniethom. Il-Qorti tordna ukoll illi l-minuri jassumu l-kunjom **L**